# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 8 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Trevor Micallef)**
**vs**
**Francois Zammit**

**Drogi Numru 55/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Francois Zammit ta' 43 sena, iben Sergio u Theresa nee' Abela, residenti Fifu Farmhouse, Triq Zabbar, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 330378M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-15 ta' Lulju 2019 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofs inhar (04:00pm) waqt li kien gewwa l-habs:-

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.

292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat aktar talli bhala persuna li mhux impjegat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita' legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett, ikun li jkun, li huwa projbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7 (1) (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv taht l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema' bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[1].

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda fatti li sehhew fil-15 ta' Lulju 2019 fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[2] l-ufficjal prosekutur is-**Supretendent Trevor Micallef** spjega li fil-15 ta' Lulju 2019 l-imputat kien ittiehed l-Facilita Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv u meta sarlu scan l-ufficjali tal-habs irrealizzaw li kellu xi haga mohbija fuq il-persuna tieghu; din kienet sustanza bajda: kien hemm trab go borza trasperenti u blokka go ingwanta blu. Is-Supretendent Micallef prezenta l-istqarrija tilaxxjata mill-imputat[3] u s-sustanza li instabet fuq l-imputat[4].

Illi tressqu bhala xhieda diversi ufficjali tal-pulizija u ufficjali mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

- PC550 Adrian Spiteri[5] spjega li huwa kien wiehed mill-pulizija li, fil-15 ta' Lujlu 2019, skortaw lill-imputat mill-Qorti ghall-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Kif waslu hemm u saret tfixxija fuq l-imputat instabet s-sustanza imsemmija

---

[1] A fol 8.
[2] A fol 14.
[3] Esebita mac-citazzjoni a fol 5.
[4] Dok TM1.
[5] Depozizzjoni a fol 16.

mill-ufficjal prosekutur. L-imputat rega ittiehed id-depot tal-pulizija fejn intiznet is-sustanza. Wara li ntiznet is-sustanza l-imputat rega' ittiehed il-habs.

- **PC417 Louis Degabriele**[6], pulizija iehor li kien skorta lill-imputat il-habs[7], fil-waqt li kkonferma il-verzjoni mghotija mill-kollega PC550 Adrian Spiteri spjega li huwa ma kienx prezenati meta saret is-search fid-depot pero kien prezenti meta saret it-tfixxija gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

- **PC325 Horace Seychel**[8] spjega li hu ukoll, flimkien maz-zewg xhieda l-ohra fuq imsemmija, kien skorta lill-imputat mill-Qorti ghall-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn, waqt it-tfixxija li saret fil-prezenza tax-xhud, instabu borza b'sustanza trab abjad u ingwanta li kien fiha blokka. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat ittiehed id-depot fit-tqsima tad-drogi u hemm intiznet is-sustanza.

- **WCO40 Romina Abdilla**[9] qalet li fil-15 ta' Lulju 2019 hija ghamlet body scan lill-imputat li kien ghadu kif ingieb fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ix-xhud qlaet ukoll li meta kienet qed tispjega lill-impjutat kif ghandu joqghod fuq l-iscanner innutat li kellu xi haga f'idejh; resqet lejh, l-imputat taha dan "l-oggett" li kien qisu gebla bajda. Saret l-iscan u wara x-xhud kompliet bit-tfixxija f'l-affarijiet li l-imputat gab mieghu; bejn il-karti li kellu sabet borza bi trab abjad. Hija infurmat lis-superjuri taghha u s-sustanza misjuba giet preservata f'evidence bag. In kontroezami x-xhud ikkonfermat li minbarra "il-gebla" li kienet f'idejn l-imputat fuq il-persuna tieghu ma kien hemm xejn aktar. Hija kkonfermat ukoll li s-scan isir gewwa il-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin wara li jidhlu mill-Main Gate.

- **CO90 Marvin Cutajar**[10] spjega li fil-15 ta' Lulju 2019 gie msejjah il-Main Gate biex jassisti lil WCO 40 waqt li ssir scan ta'l-imputat li kien ghadu kif iddahhal il-habs; l-imputat kien skortat minn PC325. Saret tfixxija ukoll f'mazz karti ta'l-imputat (li kienu f'idejn PC325) u nstabet borza bi trab abjad. Dwar dan kollu gew infurmati s-superjuri tieghu u wara l-imputat rega' ittiehed id-depot.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat **Dr Godwin Sammut** bhala espert biex janalizza s-sustanza misjuba. Mid-depozizzjoni[11] u r-rapport[12] tieghu jirrizulta li t-trab abjda, li kellu piz ta' 6.9 grammi kien kokajina (cocaine hydrochloride)

[6] Depozizzjoni a fol 19.
[7] Huwa kien ix-xufier.
[8] Depozizzjoni a fol 22.
[9] Depozizzjoni a fol 42.
[10] Depozizzjoni a fol 50.
[11] A fol 27.
[12] Dok GS1 a fol 29.

b'purita ta' tlettin fil-mija u l-blokka kienet kienet crack cocaine u kellha piz ta' 0.61 grammi u purita ta' tnejn u tlettin fil-mija.

Illi xehdet ukoll **Marvic Psaila**[13] in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u prezentat zewg sentenzi mghotija fil-konfront ta'l-imputat: wahda datata 14 ta' Gunju 2005[14] u l-ohra datata 2 ta' Dicembru 2015[15] it-tnejn mghotija mill-Qorti ta' Magistrati Malta. Hija kkonfermat li l-ebda wahda minn dawn is-sentenza ma gew appellati. Aktar minn hekk ikkonfermat li l-multa imposta permezz tas-sentenza ta'l-14 ta' Gunju 2005 giet mhallsa[16].

Illi kif intqal **l-imputat** irilaxxja stqarrija[17]. Fiha huwa jikkonferma li fil-15 ta' Lulju 2019 kien tressaq il-Qorti taht arrest u ma nghatax il-helsien mill-arrest. Ikkonferma ukoll li meta ttiehed il-Facilita Korrettiva ta' Kordin u saret tfixxija fuq il-persuna tieghu instabet is-sustanza in ezami (ammont go borza u ammont go ingwanta tal-plastik) li huwa ammetta li kienet kokajina. Rinfaccjat bil-fatt li meta saret tfixxija fuqu jumejn qabel meta gie arrestat u ttiehed d-depot tal-pulizija is-sustanza ma kenitx instabet, l-imputat jghid li ma nstabitx ghax kienet mohbija fil-parti intima tieghu. Mistoqsi ghalfejn hadha mieghu il-habs jghid li ma setghax jarmiha ma'l-art. Jghid ukoll li kien xtara dik is-sustanza l-gimgha ta' qabel l-arrest tieghu bil-prezz ta' hames mitt Euro. Insista li hu kien xtraha ghall-uzu personali tieghu.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi processwali m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat kellu fil-pussess tieghu sustanza li giet konfermata li hija kokajina. Dan il-fatt jirrizulta mhux biss mid-depozizzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni imma huwa ammess mill-imputat f'l-istqarrija tieghu. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat fis-subartikoli (1) u (2) ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe talli dahhal fil-konfini tal-habs xi oggett projbit, cioe il-kokajina imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni.

---

[13] Depozizzjoni a fol 56.
[14] Dok MP1 a fol 58.
[15] Dok MP2 a fol 61.
[16] Ref Dok MP3 a fol 63.
[17] Esebita a fol 5.

Illi d-difiza tissottometti li l-imputat ma kienx jaf li kien sejjer il-habs u ghalhekk, ghalkemm is-sustanza kienet fuq il-persuna tieghu, hu ma kellux l-intenzjoni li jdahhal il-kokajina l-habs.

Illi kif tixhed il-fedina penali tieghu l-imputat mhux estranju ghall-proceduri penali, u zgur li seta' jirrealizza li kienet tezisti l-possibilita li, wara li jitressaq il-Qorti taht arrest, ma jinghatax il-helsien mill-arrest u li ghalhekk seta' jispicca l-habs. Meta mbaghad din il-possibilita issarrfet f'realta l-imputat ghamel ghazla u cioe li jdahhal dik id-droga il-habs. Fi kliemu stess l-imputat deherlu li kellu ghazla: jew li jarmi d-droga jew li johodha mieghu l-habs u rinfaccjat b'din l-ghazla huwa ghazel li johodha mieghu il-habs. Fil-fatt fil-kors ta'l-istqarrija meta gie mistoqsi ghalfejn kien dahhal id-droga mieghu il-habs huwa irrisponda billi qal: "*m'armejthiex d-droga, ma stajtx narmiha ma'l-art*".

Illi f'l-istqarrija l-imputat jghid ukoll li originarjament d-droga kienet fil-parti intima tieghu u kien ghalhekk li ma nstabitx meta saret it-tfixxija fid-depot. Sa kemm ittiehed il-habs l-imputat nehha l-kokajina minn fejn kienet (fil-parti intima tieghu) u zamm il-blokka f'idejh u l-borza l-bajda qalb il-karti li kellu mieghu. Meta kienet ser issirlu l-iscan l-imputat baqa' jzomm il-blokka f'idejh u l-borza, mohbijja mal-karti, inzammet minn PC550. Fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-imputat, konsapevoli li kiien qed idahhal sustanza projbita fil-habs, ghamel hekk biex meta ssirlu l-iscan ma tinstabx id-droga.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li din it-tieni imputazzjoni tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva. In sostenn ta' dan l-addebietu l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi[18]:

- wahda datata 14 ta' Gunju 2005 permezz ta' liema l-imputat gie ikkundannat ammenda ta' Lm30[19] ekwivalenti ghal €69.88; u
- l-ohra datata 2 ta' Dicembru 2015 permezz ta' liema l-imputat gie ikkundannat multa ta' €800.

Illi l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta persuna ghandha titqies recidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 ta'l-istess Kapitolu 9 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

[18] It-tnejn huma finali u ezekuttivi in kwanti ma giex intavolat appell minnhom.
[19] Fil-verita zewg ammeni ta' Lm15 il-wahda.

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena , jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex l-imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50, u la darba ai termini tas-sentenzi esebiti l-imputat gie ikkundannat ammenda u multa, huwa irid ikun ikkommetta r-reati odjerni fi zmien hames snin wara li skonta il-piena u cioe wara li jkun hallas il-multa.

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax jekk l-imputat hallas il-multa ta' €800, jirrizulta biss li huwa hallas l-ammenda ta' €69.88[20] minghajr ma nghatat l-ebda informazzjoni dwar meta hallas dan l-ammont. Jigi specifikat li lanqas id-dokument MP3[21] ma jindika ma thallsu l-€69.88 ghalliex dak id-dokument jindika biss meta kien dovut il-hlas; ma jaghti l-ebda informazzjoni jekk il-multa thallsitx fil-gurnata li kien divut il-hlas jew g'xi gurnatra ohra.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi u f'nuqqas ta' prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar jekk u/jew meta bdewx jiddekorru l-hames snin stipulati f'l-artikolu 50 l-imputat jista' jitqies recidiv biss ai fini ta'l-artikolu 49.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammont ta' droga li l-imputat kellu fil-pussess tieghu u cioe kwantita sufficjenti ghal ftit aktar minn 35 doza[22].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, u l-artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu b'dan li qed jigi ikkunsidrat recidiv biss fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9, u tikkundannah **multa ta' hames mitt Euro (€500) ghall-ewwel imputazzjoni u xahar prigunerija ghat-tieni imputazzjoni**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mitejn sebgha u disghin Euro u sebgha u hamsin centezmu**

[20] Ma nghatat l-ebda informazzjoni dwar il-multa ta' €800.
[21] A fol
[22] Dan qed jinghad ghaliex skond il-European Drug Report doza tipika ta' kokajina hija bejn 0.100 u 0.200 grammi.

**(€297.57)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti. In konkluzzjoni qed **tordna d-distruzzjoni tal-kontenut tad-dokument Dok TM1** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**